29 SEP 2021

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 549**

**It-Tnejn 31 t'Awwissu 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Angelo Scicluna - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**549.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

549.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat.

549.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

**549.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

549.2.1 Il-minuti tal-548 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**549.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

549.3.1 Inqrat korrispondenza li s-Segretarju Eżekuttiv kitbet lis-Sindku u lill-Kunsillieri peress illi minħabba pressjoni u esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibbli għaliha li tagħmel użu sħiħ mill-*entitlement* tal-*vacation leave* tagħha, u għalhekk talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iġedded 108 siegħa ta' *vacation leave* għas-sena 2022. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lid-Direttur għall-Gvern Lokali biex jagħti dan it-tiġdid.

549.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni SPI/SCI/2021- Skema dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi f'Malta sabiex isir xogħol ta' restawr fuq il-Mitħa ta' Bir Għelliem. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata.

549.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunità 'Steward' għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-lokalità. Is-Sindku qal illi din l-applikazzjoni ġiet aċċettata u li fil-jiem li ġejjin il-Kunsill kien ser jiġi kkuntattjat mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali sabiex jinbeda l-proċess għal dan l-ingaġġ. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser ikollu uffiċjal ingaġġat fuq il-ħarsien tal-annimali.

549.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa tar-Reġjun Xlokk ġie maqbul li tingħata maskra lit-tfal kollha tal-iskejjel primarji f'kull lokalità fi ħdan ir-Reġjun u l-Kunsill ser ikun qed iħallas dirett lis-*supplier* is-somma ta' €653.13 Vat inkluż. Is-Sindku żied jgħid li din l-ispiża kienet ser tiġi rifuża kollha mir-Reġjun Xlokk.

549.3.5 Is-Sindku tkellem dwar id-delegazzjoni li marru Bocciodromo in Pavulle fl-Italja. Is-Sindku qal li ż-żewġ atleti Żabbarin li ħadu sehem f'kampjonat sportiv ġewwa l-Italja kienu talbu sabiex il-Kunsill iħallas l-ispiża ta' €263.3 għat-trasport. Fuq

proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-ispejjeż ta' trasport jiġu rifużi.

549.3.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa fil-kampanja *'Pink October 2021'*, intiża biex tqajjem għarfien aħjar dwar il-marda tal-kanċer, billi l-Mina ta' Hompesch, il-binja taċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll il-Monument tal-Gwerra f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi jiġu mdawwla b'lewn roża.

549.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mibgħuta mill-ERA rigward ir-*Recycling Points* u qalet li l-Kunsill ġie mitlub isib erba' (4) siti oħra biex jiġu nsallati aktar *Recycling Points* biex b'kollox ikun hemm sebgħa (7) fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qabel unanimament li jipprovdi r-reċipjenti tal-iskart riċiklat għal kull elfejn (2,000) abitant fil-lokalità u jiġu allokati fi tlett (3) *Recycling Points* biss. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsll qabel unanimament li din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-ERA.

549.3.8 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinfetaħ kont bankarju virtwali mal-*APS Bank* u jitrasferixxi l-ammont ta' ħames mitt elf euro (€500,000) mill-*Bank of Valletta.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel depożitu fiss ta' mitejn elf euro ( €200,000) għal terminu ta' sena mal-*APS Bank.*

549.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol fid-*dog park* kien kważi tlesta. Is-Sindku żied jgħid li kien jonqos li titwaħħal id-*dual gate* tan-nofs u xi tabelli t'informazzjoni. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx sar id-diviżorju sabiex isiru żewġ taqsimiet separati għall-klieb iż-żgħar u l-klieb il-kbar. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva talba biex jiġi sanitizzat t-tagħmir tad-*dog park* sabiex jonqos it-tixrid tal-mard. Is-Sindku talab lis-Sinjorina Ghislaine Bongailas sabiex tiddiskuti ma' veterinarji tal-annimali x'tip ta' prodotti jistgħu jintużaw sabiex ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u lill-klieb li jiffrekwentaw id-*dog park.* Is-Sindku qal illi fuq il-midja soċjali kien hemm kummenti pożittivi dwar id-*dog park.*

549.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħol f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien tlesta. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien hemm siġra mxaqilba fuq siġra oħra.

549.3.11 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali li kienu qed isiru fil-lokalità u nforma lill-Kunsill li kien qed jingħata wiċċ ġdid tal-konkos fi Sqaq il-Knisja. Is-Sindku qal illi kienu għaddejjin diskussjonijiet sabiex isiru l-*pelican crossing* quddiem il-Park San Klement u quddiem il-grawnd tas-St Patrick sabiex jiġu mplimentati fl-iqsar żmien possibli. Dwar iż-*zebra crossing* ta' Triq il-Vittorja, is-Sindku qal illi din ser tkun koperta max-xogħlijiet li ser isiru f'Misraħ tal-Madonna

Medjatriċi minn *Infrastructure Malta*. Is-Sindku żied jgħid li fi Triq Renato Agius Muscat kien ingħata l-ewwel saff ta' tarmak u li x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Qaqoċċ kien ser jinbeda fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku qal li kienet saret esproprjazzjoni tal-art u Triq il-Baħrija kienet infetħet u ingħatat it-tarmak. Is-Sindku qal ukoll illi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Weżieq u Triq iż-Żarżarell kien kważi tlesta u nforma lill-membri preżenti li kien għaddej b'diskussjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati sabiex jiġi nstallat *bus shelter* ġdid minflok il-*bus shelter* li kien tneħħa minn Triq il-Marżebb matul ix-xogħlijiet. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħlijiet fi Triq is-Santwarju mistennija jibdew fil-futur viċin.

549.3.12 Dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Trejqet Wied ta' Mazza, is-Sindku qal illi kienu qed isiru l-konnessjonijiet tad-drenaġġ min-naħa ta' Triq Villabate. Is-Sindku qal illi kien infetaħ kanal fi Triq Villabate. Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li li jsir it-tarmak fuq il-kanal peress illi kien tħalla periklu fi Triq Villabate.

549.3.13 Is-Sindku qal illi kien sar xogħol ta' tindif tal-*culverts* tal-ilma tax-xita li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx sar tindif tal-*culvert* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq Lia fil-viċinanzi tal-*minimarket* peress illi ma kienx imniżżel fil-lista ta' toroq fejn hemm spralli tal-proġett tal-NFRP u l-i*Storm Water Section* tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastrutturi li hija responsabbli tat-tindif tagħhom. Is-Sindku qal illi dak il-*culvert* kien ser jispiċċa peress illi kien ser jitkabbar il-proġett tal-*water catchment* minn Triq Lia, Triq l-Iskola, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Felice u Triq Santa Duminka.

**549.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

549.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**549.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

549.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Lulju 2021 u t-30 t'Awwissu 2021 li kienet tammonta għal €59,356.25.

**549.6 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2020**

549.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji 2021 kif emendati.

549.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju Jannar - Ġunju 2021. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

### 549.7 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13

549.7.1 Is-Sindku qal li fil-preżent il-Kunsill kien għaddej bil-proċess għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li din is-sejħa diġa kienet ħarġet internament u mal-Kunsilli kollha. Is-Sindku żied jgħid li kif kulħadd jaf ix-xogħol tal-Kunsill kien żdied u għalhekk ippropona sabiex isir ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) ieħor. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi ngaġġat Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ser ikollu total ta' erba' Uffiċjali Eżekuttivi – Skala 13.

### 549.8 Għażla tal-Bord għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13

549.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess taż-żewġ għażliet u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 u jservi għaż-żewġ ingaġġi u jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Agius u mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas.

### 549.9 Għażla tal-Bord għas-Servizzi Professjonali għall-Animaturi tal-*Junior Science Club*

549.9.1 Is-Sindku tkellem dwar il-*Junior Science Club* li ser jiġi organizzat matul ix-xhur li ġejjin. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla għas-servizz professjonali għall-animaturi tal-*Junior Science Club* u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill u dan ikun kompost mis-Sindku, mil-Uffiċjal Eżekutttiv Xjenza fil-Primarja u l-Kap tad-Dipartiment Xjenza fil-Primarja.

### 549.10 Tismija ta' toroq

549.10.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie mitlub jagħti isem liż-żewġ toroq biswit il-*playing field* Ġnien il-Mistrieħ li hemm fiż-żona ta' St Peter. Is-Sinjura Anna Calleja issuġġeriet li jingħata l-isem Triq Landar u Triq il-Kuluvert. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li waħda mit-toroq tissemma Triq Felix Agius. Is-Sindku issuġġerixxa li triq minnhom tissema Triq it-Tfulija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Mark Grech kien bgħat *email* u ssuġġerixxa li waħda mit-toroq tissemma Triq il-Majjistra. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jingħata isem ta' fjura sabiex ikun simili mal-ismijiet tat-toroq tal-madwar. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li waħda mit-toroq tissemma Triq il-Kuluvert. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li t-tieni triq tissemma Triq il-Peprina.

**549.11 Miżura 4.4 - Pagamenti dovuti mill-Aġenzija għall-pagamenti Agrikoli u Rurali**

549.11.1 Is-Sindku qal illi fuq parir tal-avukat, il-Kunsill għandu jissottometti l-oġġezzjoni tiegħu minħabba t-tnaqqis ta' fondi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti l-oġġezzjoni dwar tnaqqis ta' fondi mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali relatati mal-proġett ta' Ħitan tas-Sejjieħ.

**549.12 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019)

549.12.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 4/2019 għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* li għandu mas-Sur Christopher Bonello, kien ser jiskadi fil-31 t'Ottubru 2021 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jirċievi diversi lmenti dwar iż-żamma tas-*soft areas* u dwar nuqqas ta' tisqija. Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi f'lokalitajiet oħra kienu jitħawwlu fjuri sbieħ filwaqt li f'Ħaż-Żabbar kienu jitħawwlu fjuri ta' kwalità inferjuri. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jġedditx dan il-kuntratt u jerġa' joħroġ sejħa ġdida għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts*.

- Ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019)

549.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 5/2019 għall-ġbir ta' skart domestiku li l-Kunsill għandu mas-Sur Saviour Mifsud, kien ser jiskadi fil-31 t'Ottubru, 2021 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

- Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 3/2017)

549.12.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill illi l-kuntratt għall-ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2017) li l-Kunsill għandu ma' Ronald Bezzina kien ser jiskadi fil-11 ta' Frar 2022 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

**549.13 Attivitajiet tal-Festa**

549.13.1 Is-Sindku qal illi minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-COVID 19, il-festa ma kinitx ser issir u żied jgħid li l-permessi marbuta mal-attivitajiet ta' divertiment

pubbliku f'dawn iż-żminijiet kienu ser jinħarġu mill-Kunsill Lokali bil-permess tal-pulizija.

549.13.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti waqt il-korsijiet tal-mużika 'Skola Banda', liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000.

549.13.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kunċert vokali u strumentali bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża tkun ta' €1,000.

549.13.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kunċert vokali u strumentali bil-kollaborazzjoni mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, liema spiża tkun ta' €1,000.

549.13.5 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività Żabbarija t-Tut flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża tkun ta' €1,300.

549.13.6 Is-Sindku talab li jissospendi l-laqgħa għal ftit minuti.

549.13.7 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività kulturali flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, liema spiża tkun ta' €1,300.

549.13.8 Is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex jattendu għall-quddiesa li ser issir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Settembru u nhar il-Ħadd 12 ta' Settembru, 2021.

549.13.9 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex ikun hemm gabbana tal-qubbajt fil-viċinanzi tal-knisja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' din it-talba.

**549.14 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

549.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill ma kienx irċieva talbiet għal rimbors.

549.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra legali u ntalab jibgħat kopja tal-permess li nħareġ sabiex isir xogħol fuq il-faċċata ta' residenza u konsegwentament jibgħat kopja tal-irċevuta tal-ħlas relattiv. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien talab parir legali dwar dan. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jgħaddix din l-informazzjoni minħabba protezzjoni tad-data u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

### 549.15 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

549.15.1 Is-Sur Joseph Agius qal li l-Kunsill kien ġie mistieden sabiex jattendi għal *Team Building Event* li kienet ser tiġi organizzata nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Settembru 2021 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'Għawdex. Is-Sur Joseph Agius staqsa lill-membri preżenti jekk kienux ser jieħdu sehem f'din l-attività. Is-Sindku qal illi kull individwu setgħa japplika b'mod individwali. Is-Sur Joseph Agius talab li jkun jaf jekk il-Kunsillieri kienux ser jieħdu sehem peress illi din kienet *Team Building Event* u żied jgħid li ma jagħmilx sens li jieħu sehem waħdu jekk l-attività kienet tinvolvi parteċipazzjoni ta' *team*. Is-Sindku qal illi huwa ma setax jattendi għal din l-attività minħabba mpenji ta' xogħol. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li hija ma setgħetx tattendi minħabba li dakinhar kien hemm il-quddiesa tan-novena u l-attività tas-Soċjeta Filarmonica Maria Mater Gratiæ.

549.15.2 Is-Sur Joseph Agius qal illi f'Misraħ San Ġakbu kien hemm tabelli li jindikaw li l-vetturi għandhom jipparkjaw bl-*exhaust pipe* in-naħa tal-pjazza, filwaqt li kien hemm tabelli li jindikaw li l-vetturi għandhom jipparkjaw bl-*exhaust pipe* in-naħa tal-*cafeteria*. Is-Sur Joseph Agius talab sabiex it-tabelli ikunu jindikaw l-istess direzzjoni.

549.15.3 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li f'Misraħ San Ġakbu kien hemm tabella u kellha l-grammatika miktuba ħażin.

549.15.4 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jsir xogħol ta' titjib fil-*pitch* tal-boċċi li hemm fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal li x-xogħol ta' manutenzjoni tal-*pitch* tal-boċċi ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

549.15.5 Is-Sur Joseph Agius qal li l-ħanut tat-*take away* li hemm fil-kantuniera tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku kien waqqa' ż-żejt fl-art u mela r-rampa kollha. Barra minn hekk, sid il-ħanut ħareġ il-boroż tal-iskart mhux skont l-iskeda. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq rapport lill-pulizija.

549.15.6 Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-*hawker* li jarma bil-ħaxix maġenb il-Mina ta' Hompesch u talab sabiex isir infurzar minħabba li kien qed isir *double parking*.

549.15.7 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien irċieva mingħand il-bdiewa li hemm fi Trejqet Wied ta' Mazza dwar ħsara li hemm fil-kanali tal-ilma. Is-Sur Agius qal illi l-bdiewa kienu lmentaw li l-uċuħ tar-raba kien qed jinxef minħabba nuqqas ta' tisqija.

549.15.8 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab sabiex il-Kunsill isib soluzzjoni għall-kwantità ta' ilma tax-xita li waqt u wara kull maltempata kien qed ikun hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam. Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li jsir kanal biex jilqa' l-ilma tax-xita li jinżel fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u jiġi devjat għal ġewwa l-

kanal li hemm fil-viċinanzi tas-Sala Ragħaj it-Tajjeb. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol ser jiġi nkluż mal-proġett ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

549.15.9 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kien ser jitkompla x-xogħol fi Sqaq il-Knisja peress illi kien wieqaf. Is-Sindku qal illi ma kienx minnu li x-xogħol kien wieqaf u li fil-ġranet li ġejjin kien ser jingħata l-konkos.

549.15.10 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir *road hump* fi Triq Espeditu Catania ma' Triq is-Sagħtar minħabba li kien qed isir sewqan eċċessiv.

549.15.11 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li titnaddaf il-mera li hemm fi Triq Bajada ma' Triq G Agius Muscat.

549.15.12 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jiġi organizzat il-parkeġġ ta' Triq tal-Labour minħabba li qed issir parkeġġ bl-addoċċ. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq din it-talba lil Transport Malta peresss illi din it-triq ma kinitx taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

549.15.13 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jiżdiedu l-*bollards* fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp. Is-Sindku qal illi Transport Malta kienet approvat *central strip* minflok il-*bollards* li hemm. Is-Sinjura Calleja staqsiet meta kien ser isir dan il-proġett. Is-Sindku qal illi dan il-proġett għandu jsir fil-futur qarib.

549.15.14 Il-Kaptan Patrick Barbara talab li tinqaleb is-sistema tal-*one way* li hemm fi Triq iċ-Ċulqana. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex iħejji *traffic management* taż-żona.

549.15.15 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet li jsir tindif taż-żona tal-Fatah.

549.15.16 Il-Viċi Sindku staqsiet meta kienet ser issir il-pjattaforma taħt il-bankijiet li kienu twaħħlu fi Triq is-Santwarju. Il-Viċi Sindku qalet li l-anzjani kienu qed isibu diffikultà biex iqumu minn fuq il-bank.

**549.16 Mozzjonijiet**

549.16.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**549.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

549.17.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 28 ta' Settembru, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

549.17.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-550 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 28 ta' Settembru, 2021

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku